# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 22 ta' Frar, 2001 .

### Avviz numru : 77/00G2(PC)

**Radio Calypso Ltd .**

**VS**

**Monarch Advertising Ltd .**

**Il-Qorti ;**

**Rat l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex ma ghandhiex tigi kkundannata illi thallas lil kumpanija attrici s-somma ta' sitt mija u tmien liri Maltin u ghaxar centezmi (LM608.10c) dovuti lill-istess kumpanija attrici, ghal servizzi ta' reklamar fuq l-istazzjon tar-radju taghha 'Radio Calypso' liema servizzi saru fuq inkarigu tal-istess socjeta' konvenuta u gew dejjem accettati mis-socjeta' konvenuta .**

**Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tas-servizz sad-data tal-hlas effettiv . Bl-ispejjez kollha nkluza Vat u dawk l-ispejjez ta' l-ittra interpellatorja tas-17 ta' Awissu 2000 . Bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta ghas-subizzjoni .**

**Rat ir-riferta pozittiva tas-socjeta' konvenuta illi ggib id-data tat-3 ta' Novembru, tas-sena elfejn .**

**Innutat illi s-socjeta' konvenuta minkejja din ir-riferta naqset illi tattendi ghas-smiegh ta' din il-kawza illi kienet giet appuntata ghal-lum; ghal hekk fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta, u wara illi semghet lill-avukat Dr. Kevin Mompalao ghas-socjeta' attrici jikkonferma illi l-ammont indikat fl-avviz ghadu sal-lum kollu dovut .**

**Tiddecidi l-kawza, u peress illi jidhrilha illi t-talba attrici hija gustifikata, billi tilqa' l-istess talba attrici, tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas l-ammont indikat fl-avviz, u cioe' is-somma ta' sitt**

**mija u tmien liri maltin u ghaxar centezmi (LM608.10c), dovuti mill-kumpanija konvenuta ghal servizzi ta' reklamar fuq l-istazzjon tar-radju tas-socjeta' attrici 'Radio Calypso' , liema servizzi saru fuq inkarigu ta' l-istess socjeta' konvenuta u dejjem gew accettati minnha.**

**Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tas-servizz sad-data tal-hlas effettiv . L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' konvenuta .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat**

**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**
Si7700Pc
268